MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru. 51/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezrin Grixti)**

**Versus**

**Mark Spacey**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Mark Spacey ta’ 31 sena bin Dennis u Maria nee Gatt, imwieled fil-31 ta’ Diċembru 1973 f’Tal-Pieta’ u residenti 4 Triq Desain Vittoriosa detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 72374 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fil-11 ta’ Mejju 2005 u xahar qabel ġewwa l-Birgu u  bnadi oħra f’Malta f’ħinijiet differenti

a) kellu fil-pussess tiegħu r-aża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li għandu n-numur 723 tal-1974, il-fedina penali (fol 3), l-istqarrija tal-imputat (fol 4), l-ordni tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta’ Jannar 2006 (fol 6), il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 7), il-ħatra tal-Perit Richard Aquilina sabiex isir aċċess fuq il-post indikat mid-difiża u l-ħatra ta’ PS 516 Alfio Borg sabeix jieħu r-ritratti tal-post, id-dokument a fol 17 (biljett tal-Maltco tat-13 ta’ MArzu 2005), ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 22), ir-ritratti a fol 39, ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina u r-rapport tal-Probation Officer a fol 51.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**Il-fatti huma dawn.** Il-Pulizija waqqfet lill-imputat fi Triq Desain Vittoriosa fejn saret tfittxija fir-residenza tiegħu fil-fond numru 4. Hemm instabet biċċa blokka ta’ kulur kannella allegatament raża tal-cannabis imgewżra ġewwa foil. Sabet sikkina bix-xafra maħruqa kif ukoll aluminium foil u Lm401 fi flus kontanti. Tfittxijiet oħra kienu negattivi.

**L-Istqarrija tal-imputat**

L-imputat stqarr li kien ilu wieqaf mix-xogħol sentejn. Kultant kien jaħdem ma’ kumpanija tal-films iżda fil-

proeżernt kien jgħix bir-releif ta’ Lm35 fil-ġimgħa. Huwa ammetta li l-Pulziija kienet elevat minn fuquj biċċa blokka t’ kulur kannella allegatament raża tal-cannabis imgewżra ġo foil.

L-imputat qal li kien sab din il-biċċa foil f’toqba fit-taraġ tal-foss in-naħa tal-fortina fil-Birgu stess u kien sabha l-jum ta’ qabel fis-19.15 pm. Huwa kien jiġġoggja f’dawk l-inħawi u kien jinzerta raġel iħares lejn toqba. Fil-jum taq’ qabel l-istqarfrija, dan ir-raġel ma kienx hemm. L-imputat daħħal idejh fit-toqba u ħareġ blokka tal-canabis. Huwa kien tefagħha fil-but għalkemm kien fetaħha mat-triq u nduna x’kien il-kontenut. Ma kienx għamel użu minnha u filwaqt li daħlu l-Pulizija huwa kien sejjer jixtri l-biljetti tas-Super Five. Huwa kien feraħ li sab din il-biċċa smoke.

Huwa kien abbuża mill-kannabis xi jumejn qabel u kien ilu jieħu din id-droga għal xi sena u nofs iżda mhxu kull jum. Huwa dejjem kien iġib id-droga b’xejn.

Dwar il-flus misjuba huwa qal li Lm120 mill-Lm401 misjubin kienu rebħ mil-lottu. L-oħrajn kienu tiegħu.

Fil-kontro-eżami d-difiża rreferiet għall-fatt li l-flus kienu ġejjin minn rebħ tal-lottu kif juri d-dokument a fol 17.

Skond l-aanliżi forensika, ma nstabux sustanzi llegali fuq is-sikkina , li ma kienx hemm mechanical fit bejn il-foil li kien elevat mid-dar tal-imputat u dak li kienet imgeżwra fih is-sustanza u li fil-blokka żgħira ta’ sustanza kannella kein hemm 25.171 grammi ta’ cannabis f’ammont ta’ 8.76%.

PS 516 Alfio Borg ippreżenta 11-il ritratt bil-kulur tal-area indikata lilu.

Il-Perit Richard Aquilina kkonferma r-relazzjoni tiegħu dwar il-ħofra fis-sur li kienet saret probabbli għal xi tqattiegh ta’ xelter. Kien l-imputat li indika l-post fejn kien jieqaf jsitrieħ qabel ma jitla’ t-taraġ kif ukoll il-post fejn hu kien jara raġel iżda dak in-nhar li hu sab dik il-biċċa foil, lil dan ir-raġel ma rahx.

Xehdet ukoll il-Probation Officer Joanna Farrugia. Mir-rapport jirriżulta li l-impujta kien qal li kien waqaf milli juża d-droga iżda meta sarlu test fil-25 ta' Frar 2009 ir-riżultat kien wieħed pożittiv għall-użu tal-cannabis. Iżda wara testijiet oħra li saru fl-isptar Mater Dei, irriżulta li l-imputat ma kienx qed juża xi sustanza illeċita.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett m'hemmx dubju li l-imputat instab fil-pussess tad-droga għaliex dan (a) ammettieh huwa stess; (b) is-sustanza kienet misjuba fuqu; (ċ) il-kontenut tas-sustanza kien dak ta' cannabis.

Dwar il-flus misjuba fid-dar tal-imputat, il-Qorti hija soddisfatta bl-ispjegazzjoni mogħtija dwar il-provenjenza tagħhom (parti minnhom mir-rebħ tal-lottu u l-parti l-oħra minn xi flus li kien ikollu l-imputat 'l hawn u 'l hemm).

Għalhekk jibqa' biss l-ammont ta' droga misjuba jekk tindikax li l-imputat kellu pussess b'intenzjoni li jispaċċja d-droga.

Waqt li l-Qorti ma temminx dik il-parti tal-istqarrija fejn l-imputat qal li kien iġib id-droga b'xejn u għandha wkoll ir-riżervi tagħha dwar kif l-imputat sab id-droga, madankollu, l-ammont ta' 25.171 grammi ta' THC mhux prova qawwija biżżejjed biex waħdu jindika li l-imputat kien qed jispaċċja d-droga.

Għalhekk fiċ-ċirkustanzi l-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati tal-imptuazzjoni kif dedotta iżda minflok qed issibu ħati ta' pussess xempliċi, liema reat huwa kompriż u involut fir-reat indikat fl-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni kif dedotta u minflok qed issbu ħati tar-reat ta' pussess sempliċi tad-droga liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.**

**Il-Qorti kkonsidrat li l-imputat għandu fedina penali netta. Iżda qieset ukoll li ex admissis l-abbuż kien ilu jsir waqt li l-ammont ta' droga misjub fuq l-imputat huwa ta' 25 gramma. Għalhekk qed tikkundannah iħallas multa ta' €468 liema multa tista' titħallas b'rata ta' €40 fix-xahar bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 mhux imħallsa.**

**Il-Qorti qed tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert l-ispiżjar Mario Mifsud li jammontaw għal €276.12(Lm118.00) iżda fiċ-ċirkustanzi mhix tikkundannah għall-ispejjeż tal-perizji l-oħra.**

**Il-Qorti qed tordna li jingħataw lura l-flus li kienu ġew elevati mill-Pulizija jew l-ekwivalenti tagħhom f'Ewro (€938.34) li jistgħu ikunu spaċċjati mal-multa u l-ħlas tal-esperti li għalihom saret referenza aktar 'il fuq fl-istess sentenza.**

**Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------